MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 2277/1996/1

**Vincent Curmi bhala amministratur tal-eredita` tal-Markiz John Scicluna u in rappresentanza tal-eredi mhux maghruf tal-istess, Mignon Marshall u Corinne Ramsay f'isimhom proprju u fil-kwalita` taghhom ta' ususfruttwarji tal-fuq imsemmija eredita`**

**vs**

**B. Tagliaferro & Sons Limited, Francis u Maria konjugi Zammit f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Framar Estates u Emmanuel Attard, u b'digriet tat- 8 ta' Frar, 2000, l-Avukat Dr. Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Paul Saliba gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` ta' Emanuel Attard li miet fil-mori**

**tal-kawza, u b'digriet tat-3 t'April, 2008, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Galea Testaferrata Zammit kemm f'isimha proprju, kif ukoll ghan-nom ta' bintha l-minuri Julia Zammit, sabiex tkompli il-kawza minflok Francis Xavier Zammit li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-2 ta' Lulju, 1996, li permezz taghha l-atturi fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi huma s-sidien ta' zewgt (2) imhazen adjacenti bin-numru wiehed (1) u erbgha (4) fi *Bridge Wharf*, il-Marsa, mikrija lil *"Primrose Products Limited"*;

1.2. Illi dawn l-imhazen huma sottoposti ghall-mhazen numru tlieta (3) fl-istess triq fuq riferita li hu proprjeta` tas-socjeta` konvenuta *B. Tagliaferro & Sons Limited* u Francis u Maria konjugi Zammit *proprio et nomine*, liema mahzen jinsab mikri lil Emanuel Attard;

1.3. Illi fil-21 ta' Frar, 1996, parti mill-fond numru 3 riferit fil-paragrafu precedenti iggarraf bil-materjal kollu li kien fih ghal gol-mahzen numru 1 li konsegwenza tal-istess gie distrutt kollu;

1.4. Illi l-mahzen numru 3 uzat mill-konvenut Emanuel Attard kien qieghed jitghabba b'mod manifestament eccessiv;

1.5. Illi l-imsemmi konvenut Emanuel Attard ghadu juza dik il-parti tal-mahzen numru 3 li baqghet ma ggarfitx, liema parti tigi sitwata fuq il-mahzen numru 4 proprjeta` tal-atturi, u ghadu jghabbieh b'mod manifestament eccessiv, u ghalhekk hemm riskju manifest li l-kumplament tal-mahzen numru 3 jiggarraf ghal gol-mahzen numru 4 fuq imsemmi;

1.6. Illi l-konvenuti *B. Tagliaferro & Sons Limited* u l-konvenuti Zammit *proprio et nomine* bhala sidien tal-kera tal-fond numru 3 fuq indikat ghandhom obbligu li jassiguraw li l-istess fond ma jkunx ta' periklu ghal terzi u li dan ghandu jkun uzat ghal skopijiet ragonevoli permessi minn natura u l-istat ta' l-istess fond;

1.7. Illi l-atturi jixtiequ jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni u rinforzar fil-proprjeta` taghhom biex jigi evitat li jcedi s-saqaf;

1.8. Illi dan ix-xoghol ma jistghax isir sakemm ikun ghad hemm mil-merkanzija fil-fond sovrastanti;

1.9. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, biex inehhu il-merkanzija u l-affarijiet l-ohra kollha hemm stivati u fin-nuqqas, tawtorizza lill-

atturi inehhu l-merkanzija u l-affarijiet l-ohra kollha a spejjez tal-konvenuti;

1.9.2. Tawtorizza lill-atturi biex jaghmlu ix-xoghol kollu ta' manutenzjoni u ta' riparazzjoni fil-fond fuq riferit u jekk ikun hemm bzonn anke jidhlu fl-istess fond, *okkorrendo* bl-assistenza ta' perit nominat, a spejjez tal-konvenuti;

1.9.3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess citazzjoni skont il-ligi li tikkonferma s-suespost, (ara foll 3);

3.0. Rat in-nota ta' eccezzjonijiet datata l-14 t'Ottubru, 1996, li permezz taghha l-konvenuti *B. Tagliaferro & Sons Limited* eccepew is-segwenti: (ara foll 22);

3.1. Illi ma' jopponux ghat-talba li tigi rimossa il-merkanzija li ghad baqa` fil-mahzen numru 3 in dizamina li tieghu huma l-komproprjetarji flimkien mall-konvenuti l-ohra;

3.2. Illi m'ghandhomx jigu ikkundannati ibaghtu spejjez gialadarba l-merkanzija hi tal-inkwilin Emanuel Attard;

3.3. Illi t-tieni domanda attrici, (ara foll 2), hi irrita *stante* li mhix preceduta minn domanda dikjaratorja ta' responsabilita`;

3.4. Illi l-istess atturi *nomine* jistghu jaghmlu l-istess riparazzjonijiet u manutenzjoni fil-fond *de quo* purche` dawn a spejjez ta' min jigi dikjarat responsabbli;

3.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet skont il-ligi li tikkonferma l-istess eccezzjonijiet sollevati, (ara foll 23);

5. Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ukoll datata l-14 ta' Dicembru, 1996, li permezz taghha l-konvenuti Francis u Maria konjugi Zammit irrispekkjaw *verbatim* l-eccezzjonijiet intavolati mis-socjeta` konvenuta *B. Tagliaferro & Sons Limited* u a skans ta' ripetizzjoni inutili qed issir referenza ghall-istess anke f'dan ir-rigward, (ara foll 25);

6. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet skont il-ligi li filwaqt li tikkonferma l-istess eccezzjonijiet sollevati tirrispekkja *verbatim* ukoll dik prezentata mill-imsemmija socjeta` konvenuta fuq indikata, (ara foll 26);

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta' Novembru, 1996, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel talba tal-atturi, (ara foll 30 u 31);

8. Rat ir-rikors tal-attur *nomine* Vincent Curmi datat it-12 ta' Novembru, 1996, li ghar-raguni hemm indikata talab is-sosspensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, (ara foll 36);

9.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata it-18 ta' Novembru, 1996, li permezz taghha il-konvenut Emanuel Attard sintetikament eccepixxa is-segwenti:

9.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati *stante* li mhux veru li l-mahzen tal-atturi ggarraf ghaliex waqa` il-fond numru 3 fuq indikat mikri lilhu u li ghaliex kien mghobbi bil-merkanzija tieghu aktar mill suppost;

9.2. Illi hu kien ilu juza l-mahzen *de quo* u jzomm fih il-merkanzija tieghu meta sparat bicca mill-hajt divizorju tal-mahzen tal-atturi;

9.3. Illi mill-1964 qatt ma kien hemm l-icken sinjal ta' hsara fil-fond;

9.4. Illi waqghet bicca mill-mahzen numru 3 fuq indikat ghaliex sparat parti mill-hajt divizorju tal-mahzen tal-atturi peress li l-hajt ma sarlux ilqugh mill-atturi;

9.5. Illi had qatt ma' indika lill-konvenut Attard li l-mahzen numru 3 fuq riferit kien mghobbi aktar milli suppost u qatt ma intalab inehhi l-merkanzija tieghu biex isewwu l-hsara;

9.6. Illi mhux korrett jinghad li l-konvenut Attard ghandu jnehhi l-merkanzija mill-parti tal-mahzen li ma waqghatx;

9.7. Illi l-konvenut Attard lest inehhi din il-merkanzija li fadallu kemm -il darba dan ikun necessarju *stante* li m'ghandux fejn ipoggiha;

9.8. Illi l-atturi intavolaw kawza ohra ghad-danni kontra l-istess konvenuti indikati f'din il-kawza liema kawza iggib in numru 1746/96;

9.9. Illi mhux lest inehhi l-merkanzija qabel ma' l-kwistjoni tigi ezaminata minn periti giudizzjarji gia` nominati fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti biex jaraw jekk il-piz tal-merkanzija *de quo* kienx eccessiv;

9.10. Illi t-tieni talba attrici, (ara foll 2), ma tikkoncernax lill-konvenut odjern *stante* li hu mhux is-sid tal-mahzen numru 3 in dizamina izda semplici inkwilin;

10. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet skont il-ligi li permezz taghha Emanuel Attard ikkonferma l-eccezzjonijiet tieghu sollevati; (ara foll 39);

11.0. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-26 ta' Novembru, 1996, li permezz tieghu innominat perit tekniku hemm indikat biex wara li jiehu l-kejl necessarju, ritratti u *video recording* tal-merkanzija *de quo* jara:

11.1. Jekk ix-xoghol rimedjali bzonnjuz jistghax isir minghajr ma titnehha l-merkanzija; u

11.2. Jezamina l-istat perikolanti attwali tal-istess bini, (ara foll 44);

12. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-22 t'April, 1997, (ara foll 48), li fost affarijiet ohra ikkonkludiet li f'dak l-istadju t-tnehhija tal-merkanzija ma kienitx indikata billi x-xoghol involut hu effettivament bini mill-gdid tal-imhazen, li pero` l-konvenut Emanuel Attard ikun irid inehhi l-merkanzija li baqaghlu fil-mahzen numru 3 fuq riferit, (ara foll 61);

13. Rat in-nota tal-attur Vincent Curmi *nomine* datata t-23 t'April, 1997, li permezz taghha talab peritia perizjuri *stante* li hassu aggravat bir-rapport indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 47);

14. Rat il-verbal datat is-26 ta' Gunju, 1997, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-attur *nomine* infurmat lill-qorti li l-partijiet qabblu biex l-atturi jaghmlu x-xoghol fuq is-saqaf *de quo* skont l-indikazzjonijiet tal-espert tekniku nominat, (ara foll 72);

15. Rat il-verbal datat is-28 t'April, 2000, li permezz tieghu iddikjarat li l-kawza odjerna hi konnessa mal-kawza citazzjoni numru 1746/96, (ara foll 93);

16. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-5 ta' Marzu, 2004, li permezz tieghu, wara li kkonstatat li din il-kawza qeghda tinstema` mal-kawza numru 1746/1996, ordnat lir-registratur jaghmel dak mehtieg biex il-kawzi *de quo* jkomplu jinstemghu flimkien, (ara foll 120);

17. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-5 t'Ottubru, 2005, li permezz tieghu, wara talba appozita, ordnat li l-kawza tibqa` differita biex tinstema` mac-citazzjoni numru 910/96 u ghalhekk li l-atti jigu rinvijati quddiem dik il-qorti ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 128);

18. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-31 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu precedentement moghti lill-perit tekniku nominat u issostitwietu b'perit tekniku iehor kif hemm indikat, (ara foll 191);

19. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-4 ta' Gunju, 2013, ipprezentata in atti fid-9 ta' Lulju, 2013, (ara foll 206);

20. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat il-5 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modallita` hemm indikata, (ara foll 236);

21. Rat in-nota ta' kritika tal-attur *nomine* datata t-22 t'April, 2014, (ara foll 237);

22. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentati legali tal-partijiet;

23. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

24. Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

25. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar zejjed din il-qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Vincent Curmi *nomine et* vs *B. Tagliaferro & Sons Limited et*, deciza illum stess u li ggib in-numru 1746/1996, u ghall-analizi peritali hemm riprodott;

26.0. Illi *di piu`*, tenut kont ukoll tar-relazzjoni peritali pprezentata in atti li din il-qorti, hawn ukoll, m'ghandha l-ebda raguni ghaliex ma tadottahhiex u ghalhekk taghmilha taghha u zzid sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi rigward l-ewwel talba ghat-tnehhija tal-merkanzija jinghad li din it-talba mhix indikata billi x-xoghol necessarju mhux semplicement ta' manutenzjoni u riparazzjoni izda jirrikjedi bini *ex novo*, (ara foll 228);

26.2. Illi l-mahzen in dizamina jinsab il-parti l-kbira tieghu imgarraf, (ara foll 228);

26.3. Illi fl-istat attwali, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni talba attrici, fil-prezent ma tista` issir l-ebda manutenzjoni jew riparazzjoni *stante* li s-sitwazzjoni tirrikjedi l-bini mill-gdid tal-imhazen *de quo*, (ara foll 228);

26.4. Illi *B. Tagliaferro & Sons Limited* jirrizultaw estranei ghall-akkadut, (ara foll 228);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi ghalhekk kemm l-analisi suespost kif ukoll dak espost fil-kawza Citazzjoni Numru 1746/96 fuq riferita, jwassal ghas-segwenti:

27.1. Illi l-kollass riskontrat hu rizultat tal-inattivita` tal-istess atturi;

27.2. Illi l-kollass in dizamina ikkaguna danni gravi lill-istrutturi in dizamina tant li ma jistghux jigu ripristinati b'semplici manutenzjoni u riparazzjoni kif qed jippretendu l-atturi;

**DECIDE**:

28.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

28.1. Filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet kollha sollevati mid-diversi konvenuti fuq indikati;

28.2. Tirrespingi t-talbiet tal-atturi;

28.3. Bl-ispejjez kontra l-atturi;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------